**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**

**Appell Nru: 55/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Dennis Theuma )**

**Vs**

**FRANCIS CALLEJA**

**Illum, 13 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Francis Calleja talli fl-4 ta'Gunju, 2000, bla hsieb li jisraq jew li jghamel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejn, jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta'hwejjgu, jew hatt bini, jew kiser l-mixi ta' l-ilma jew ha ilma ghalih, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor billi minghajr ebda dritt jew awtorizzazzjoni da parti ta' Anthony Grech, imbarra bil-gebel bieb, propjeta' ta' l-istess Anthony Grech, liema bieb jaghti ghall-kmamar u gnien, ukoll propjeta' tal-kwerelanti, li jinsab f'bitha komuni u li ghall-istess bitha komuni tidhol ghalih mill-bieb, ossia entrata principali, u cioe' numru 43, Sqaq

Karla go Triq Santu Rokku, Birkirkara, u oltre dan talli mblokka l-istess bieb, ossia entrata principali, u cioe, 43, Sqaq Karla go Triq Santu Rokku, Birkirkara, dan billi ghamel serratura fejn qabel kien hemm access liberu.

Akkuzat wkoll talli fil-31 ta'Mejju, 2000, bejn l-4.30 p.m. u l-5.30 p.m., f'dawn il-Gzejjer, ghamel lill-Joseph Grech ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew, jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 14 ta'Marzu, 2001, li biha dik il-Qorti sabet lill-Francis Calleja mhux hati tat-tieni akkuza w illiberatu minnha, filwaqt li sabitu hati fuq l-ewwel akkuza a tenur ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9 u kkundannatu hamsin lira Maltin (Lm50) Multa.

Rat ir-rikors t'appell ta'Francis Calleja datat 23 ta'Marzu, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu kienet illiberatu mit-tieni akkuza, u tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel akkuza, tiddikjarah mhux hati taghha w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

Rat l-aggravju ta' l-appellant Francis Calleja.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi r-reat li tieghu l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati hu dak ta' "ragion fattasi" skond l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali.

Illi mill-provi li nstemghu, ma hemm ebda dubju dwar l-aspett materjali ta' dan ir-reat, cioe' li b'xi att maghmul minn xi hadd, Anthony Grech kien effettivament gie spoljat mill-uzu w tgawdija ta' xi propjeta' li kienet fil-pussess tieghu w li hija parti minn fond bin-numru 43, Sqaq Karla go Triq Santu Rokku, Birkirkara. Ma hemm ebda dubju wkoll illi l-appellanti wkoll kellu fil-pussess tieghu xi propjeta' li, bhal dik ta'Grech, tifforma parti minn din il-propjeta' fl-indirizz imsemmi, li f'xi zmien qabel kienet kerrejja.

Illi mill-apprezzament tal-provi li ghamlet din il-Qorti, li ghandha tifhem li huma sostanzjalment l-istess provi li semghet l-ewwel Qorti, hi ma tistghax issib raguni legalment valida l-ghaliex l-ewwel Qorti kienet waslet ghall-konkluzzjoni li kienet hadet in bazi ta' dawk il-provi. Hi l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed hazin jew ma kienx komplet.

Ghalkemm huwa minnu li Anthony Grech kien gie spoljat minn xi hadd mill-uzu u tgawdija tal-propjeta' li kellu fil-pussess tieghu, ma tressqghet ebda prova li turi sal-grad tac-certezza morali, lill hinn minn kull dubju ragjonevoli, li kien l-appellant, jew xi hadd imqabbad minnu w bl-awtorizzazzjoni tieghu, li kien ghamel dak l-att materjali ta' spoll kontra Anthony Grech. Barra minn l-istess Grech u l-familja ta' l-appellant, jirrizulta li kien hemm persuni ohra li wkoll ghandhom fil-pussess taghhom xi partijiet ohra minn din l-istess propjeta'.

Hu stramb kif l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li bilfors kien l-appellant, jew xi hadd imqabbad minnu appozitament, li wettaq dan l-ispol. L-unika raguni li semmiet l-ewwel Qorti sabiex tiggustifika kif waslet ghal din il-konkluzzjoni hi, fi kliem l-istess Qorti riprodott testwalment : "*Huwa ovvju li kien l-imputat li ghalaq dan il-bieb ; jekk mhux hu personali, zgur li gieghel bl-awtorita' tieghu lil xi hadd jesegwixxi din l-obbligazzjoni; ghaliex huwa fl-interess tieghu biss li dan il-bieb jinghalaq b'dak il-mod ghaliex b'hekk il-bitha ta'quddiem id-dar tieghu titkabbar u l-faccata tad-dar tieghu tigi akbar kif mahduma aktar pulita w unita*."

Dan huwa ezattament il-kliem ta' l-ewwel Qorti bhala risposta ghal-linja difensjonali li ma jirrizultax mill-provi li xi hadd kien ra dan il-bieb jinghalaq fl-4 ta'Gunju, 2000, kif specifikat fl-akkuza, u, molto di piu', hadd ma ra lill-imputat jaghlaq dak il-bieb.

Kif sewwa spjega l-appellant fl-appell tieghu, dwar l-interess tieghu msemmi fis-sentenza appellata, din hija biss supposizzjoni ta' l-ewwel Qorti l-ghaliex minnbarra hu, u il-familja ta' l-istess kwerelant Grech, hemm terzi ohrajn li bhalu jippossjedu partijiet mill-istess fond u, allura, bl-istess argument u ragunament ta' l-ewwel Qorti wkoll jistghu ikollhom dan l-interess.

Minkejja dan, pero', jibqa' l-fatt li l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni sabiex jorbtu lill-appellant mar-reat in kwistjoni, u dan sal-grad rikjest mil-ligi, huma ferm manki. Il-provi li hemm jistghu jwasslu biss sal-grad tal-possibbli, jew tal-probabbli, tas-suspett, liema grad, izda, mhux bizzejjed sabiex tinstab htija fl-appellant.

Fl-ahhar nett, kien ukoll mhux f'loku l-kumment ta' l-ewwel Qorti fl-ahhar parti tas-sentenza taghha li l-appellant fl-ebda stadju quddiemha ma cahad li kien hu li ghamel dak ix-xoghol li b'rizultat tieghu gie spoljat Anthony Grech. Ta' min jfakkar li kull imputat jew akkuzat ma hu obbligat li jipprova xejn u ghandu kull dritt ghas-silenzju, mill-liema fatt ma tista tingibed ebda inferenza. Hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-akkuzi sal-grad tal-konvinciment morali. Barra minn hekk, ta' minn ifakkar ukoll li, kuntrarjament ghal din l-osservazzjoni ta' l-ewwel Qorti, effettivament l-allura imputat kien cahad din l-allegazzjoni kontrih meta mill-bidu nett tal-proceduri kien wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi dedotti kontrih.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed tilqa' l-appell ta'Francis Calleja, u ghalhekk filwaqt li qed tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha, qed tirrevokaha fejn sabitu hati, u, konsegwentement qed tilliberah minn kull akkuza, htija w piena.